# *Il-Kult tal-Qalb ta' Ġesù f'Għawdex*

## *tagħrif miġbur minn Toni Calleja (Għasri)*

### Daħla

Fil-Ġreċja l-antika kien hemm żewġ skejjel ta' ħsieb dwar moħħ il-bniedem. Aristotile (384-322 qK) kien tal-fehma li l-moħħ hu sempliċement *radiator* biex ikessaħ id-demm. Skola oħra kemmxejn aktar imwaħħra, imma ferm inqas influwenti, kienet dik ta' Herofilus ta' Kalcedon (320-?qK) li għaraf il-funzjoni proprja tal-moħħ. Il-ħassieba tal-medju evu,[1] poġġew l-intellett u l-personalità fil-qalb (wara kollox din tħabbat iktar waqt l-eċċitament jew biża') u b'hekk inħolqu kulti reliġjużi bbażati fuq il-qalb, pereżempju tal-Qalb ta' Ġesù.[2]

Id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù bdiet b'mod privat għall-bidu tas-seklu tnax. Kienet devozzjoni ċċentrata fuq l-umanità ta' Kristu u msaħħa b'meditazzjoni fuq il-passjoni, ir-ras inkurunata bix-xewk, il-wiċċ kollu dmija, il-ħames pjagi u fl-aħħar, **iżda mhux l-inqas, fuq il-Q**alb ta' Ġesù minfuda mil-lanza.

Fl-aħħar tas-seklu tlettax id-devozzjoni tal-Qalb ta' Ġesù nqatgħet minn dik tal-Passjoni ta' Kristu. Iżda kien fis-seklu sbatax li din id-devozzjoni reġgħet ħadet xejra ġdida u qawwija. Bejn l-1673 u l-1675, Santa Margerita Marija Alacoque (1647-1690) kellha d-dehriet ta' Ġesù li talabha xxerred id-devozzjoni lejn il-Qalb Imqaddsa li kienet qed titkasbar bid-dnubiet tal-bnedmin. F'din ir-rivelazzjoni privata Ġesù qalilha biex it-tali devozzjoni tiġi mxerrda permezz ta' San Klawdju de la Colombiere S. J. (1641-1682) u permezz tal-Kumpanija ta' Ġesù.

Id-devozzjoni popolari għażlet ix-xahar ta' Ġunju bħala x-xahar tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Bi ħlewwa kbira ngħaddu mix-xahar ta' Mejju, iddedikat lill-Qalb Immakolata ta' Marija għall-Qalb Sagratissma ta' Ġesù – mill-qalb tal-Omm għall-Qalb tal-Iben, żewġt iqlub li tant ħabbew lill-umanità kollha kemm hi u li għadhom u jibqgħu jħobbuha u li ma jixtiqulhiex ħlief ġid, imħabba, paċi u sliem.






LILL-KALB . TA - GESU'
Sultan
Ta' s-societa' . tal-gvernijiet . tal-pòpli
Illum
15 ta-Novembru 1925
Id-dipartimenti
Ta' s-SANITA' . tal-POSTA
Ta' x-XOGHLIJIET
Tal-ILMA . Tal-LUCE ELETTRICA
Ta-Ghaudex
Mn-idejn MONS. ISKOF M. GONZI
Uakt . li . b-sidhom . jgharfuh
JICCUNSAGRAU - RUIEHHOM.

Waqt li d-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù bdiet iktar tinxtered fost l-insara, bdiet ukoll oppożizzjoni kbira kontra tagħha, kemm minn xi Kattoliċi għax dehrilhom li l-Qalb qed tiġi separata mill-persuna ta' Kristu, kemm minħabba xi esaġerazzjonijiet fid-devozzjoni, u kemm mill-Ġjansenisti,[3] li **ħaduha qatta'** bla ħabel kontra d-devozzjoni u kontra l-Ġiżwiti li kienu qed iferrxuha. Minkejja dan kollu, id-devozzjoni u l-kult tal-Qalb ta' Kristu bdew jiġu studjati aktar u daħlu wkoll biex jagħmlu parti mit-Teoloġija Kattolika li bdiet tistudja t-teoloġija tal-Qalb ta' Ġesù fit-Trattat fuq "Il-Verb Inkarnat". Fid-dawl tal-enċiklika *Haurietis Aquas* ta' Piju XII (1939-1958), it-teologi komplew jistudjaw l-egħjun tar-rivelazzjoni u jagħmlu d-distinzjonijiet meħtieġa bejn dawn l-egħjun u r-rivelazzjonijiet privati.

### Il-Ġiżwiti jdaħħlu l-kult tal-Qalb ta' Ġesù f'Għawdex

Waqt li mhux magħruf b'ċertezza meta kienet introdotta d-devozzjoni tal-Qalb ta' Ġesù fil-gżejjer tagħna, ftit hemm dubju dwar min sata' daħħalha! Fil-qalba tal-Ewropa l-promoturi ta' din id-devozzjoni kienu l-Ġiżwiti, u għalhekk, hawn Malta, din nistgħu faċilment nattribwuha wkoll lilhom. Loġistikament, wieħed għandu għax jaħseb, li f'pajjiżna, din id-devozzjoni ħadet spinta qawwija wara li fis-6 ta' Frar 1765, il-Papa Klement XIII (1758-1769), approva l-festa tal-Qalb ta' Ġesù u d-devozzjoni marbuta magħha.

Kollox juri li f'pajjiżna, din id-devozzjoni sabet art fertili mill-ewwel. Minkejja li fit-22 ta' April 1768 il-Ġiżwiti tkeċċew minn Malta mill-Gran Mastru Manoel Pinto de Fonseca (1742-1773), il-kult tal-Qalb ta' Ġesù xorta baqa' ħaj f'qalb il-poplu taż-żewġ gżejjer. Fl-1845 il-Ġiżwiti kienu milqugħa lura Malta u f'dik li hi promozzjoni tal-kult komplew fejn kienu ħallew qabel. Fis-17 ta' Marzu 1848, wara korrispondenza bejn il-Gvernatur R. More O'Ferrall, diversi persuni u awtoritajiet fl-Italja, waslu Malta bħala rifuġjati 49 Ġiżwita.[4] Dan kien b'riżultat tar-*Risorgimento* fallut fl-Italja fl-1848-49. Fl-1860 reġgħu ġew Malta ħafna Ġiżwiti Taljani, imkeċċija minn Palermo,[5] **bħala riżultat tal-ġlieda għall-unifikazzjoni tal-Italja fl-1861.**

Fl-1856, il-Papa Piju IX (1846-1878) estenda l-festa tal-Qalb ta' Ġesù għall-Knisja kollha.[6] Għaxar snin wara ġew il-Ġiżwiti Sqallin biex imexxu s-*Seminario del Gozo* li nfetaħ

solennement mill-Amministratur Appostoliku, Mons. Fra Pawl Micallef, nhar l-4 ta' Novembru 1866. F'dik l-ewwel sena "insibu bħala professur f'dan is-Seminarju lil Patri Pietru di Giorgio S.J., minn Sqallija. Dan beda jxerred il-qima lejn il-Qalb ta' Ġesù mhux biss fis-Seminarju, imma wkoll fil-parroċċi, hekk li f'ħafna minnhom twaqqaf l-Apostolat tat-Talb".[7] Pereżempju, iż-Żebbuġ kien aggregat fl-Apostolat tat-Talb fit-23 ta' Frar 1873 u d-diploma ġġib il-firma tal-imsemmi di Giorgio, moderatur ġenerali.[8]

Bilkemm kien ilhom sentejn f'Għawdex, li ċertu sinjur Malti, il-Konti Sant Cassia ma talabx lill-Gvern Ingliż sabiex jirrifjuta li l-Ġiżwiti barranin jgħixu f'Malta u sabiex dawn jitkeċċew, għax il-preżenza tagħhom kienet qed taffetwa ħażin lill-Maltin.[9] Fid-19 ta' Novembru 1869, il-Gvernatur Sir Patrick Grant, f'dispaċċ lis-Segretarju tal-Istat għall-Kolonji tal-Ingilterra, qal li ma kellu ebda rapport dwar xi ħaġa kontra l-Kumpanija ta' Ġesù f'Malta. Finalment, nhar is-6 ta' Diċembru tal-istess sena, is-Segretarju tal-Istat qal li ma riedx jidħol fil-kwistjoni u kekk kollox miet fuq ommu. Kienet rebħa għall-Ġiżwiti barranin f'Malta u ċertament li wkoll għas-Seminarju ta' Għawdex li kienet skola tajba ħafna tant li saħansitra familji Sqallin magħrufa kienu qed jibagħtu lil uliedhom jistudjaw fih.[10]

## L-Apostolat tat-Talb

Fil-1873 kienet introdotta f'Għawdex il-Kongregazzjoni tal-Apostolat tat-Talb. "Aktarx li l-Apostolat tat-Talb ġie mdaħħal f'Malta fis-sena 1872 waqt li f'Għawdex daħal is-sena ta' wara u kien responsabbli minnu l-Ġiżwita, Patri Pietru di Giorgio".[11] **F'wieħed minn numri ta'** *Id-Devot ta' Maria* tas-sena 1888, jingħad li: "Fost il-Kongregazzjonijiet tal-Qalb ta' Ġesù l-aktar komuni hija dik li tissejjaħ Apostolat tat-Talb, stabbilità minn bosta snin fil-gżejjer tagħna".[12]

Id-devozzjoni tal-Apostolat tat-Talb bdiet fi Franza, fid-Djoċesi ta' Puy, fejn is-Santwarju tal-Immakulata fis-sena 1844.[13] Fit-3 ta' Diċembru 1844, Patri Franġisk Gantrelet, waqt konferenza li ta, stieden lill-iskolastiċi sabiex huma jgħinu lis-saċerdoti fil-ħidma pastorali tagħhom permezz tat-talb u tal-penitenza. Wara dik il-konferenza, l-idea tal-Apostolat tat-Talb xterrdet b'ħeffa kbira.[14] Din id-devozzjoni marbuta mal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù kienet ikkonfermata u mogħnija b'numru kbir ta' indulġenzi mill-papiet Piju IX, u Ljun XIII, li approva r-regolamenti b'Digriet tas-7 ta' Ġunju 1879 u taha forma ta' Assoċjazzjoni.

Fl-1888, id-Direttur Djoċesan ta' din l-Assoċjazzjoni f'Għawdex kien il-Kan. Kap. Dun Karm Scicluna; x'aktarx kien it-tieni wieħed wara l-Ġiżwita, P. Pietro di Giorgio li semmejna aktar kmieni. Fl-imsemmija sena dan il-kult kien deskritt bħala d-devozzjoni speċjali tas-seklu dsatax.[15] Però minkejja dan ma jistax jingħad li l-kult kien imxerred bl-istess intensità kullimkien, tant li fl-1891 naqraw li: "Din id-devozzjoni hija diġà mxerrda fil-gżira tagħna, imma b'dispjaċir għandna ngħidu li ma hix magħrufa minn kulħadd".[16] Frattant, fl-istess sors ta' tliet xhur wara naqraw li: "Id-Devozzjoni tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù hija wisq imxerrda mal-gżira kollha, il-festa tiegħu ssir kważi kullimkien".[17]

Illum il-ġurnata l-Apostolat tat-Talb huwa definit bħala assoċjazzjoni ta' nsara li kuljum joffru lilhom infushom lil Alla, f'għaqda ma' Ġesù Ewkaristija. Fl-istess waqt, jitolbu b'mod speċjali skont il-fehmiet tal-Papa u li l-Isqfijiet tagħna jkunu għażlu għax-xhur kollha tas-sena.[18]

## Kronoloġija ta' avvenimenti li saħħew il-kult tal-Qalb ta' Ġesù f'Għawdex

- L-ewwel ħjiel tanġibbli li jirrifletti d-devozzjoni lejn il-Qalb Imqaddsa fil-gżira tat-Tliet Għoljiet, niltaqgħu miegħu fil-Knisja Matriċi, illum Katidrali: kwadru ovali tal-Qalb ta' Ġesù tal-1770 fil-Kappella tas-Sagrament, xogħol Francesco Zahra (1710-1773),[19] l-aqwa pittur Malti ta' kull żmien. F'jum il-festa tagħha kienet issir quddiesa kantata fil-kappella.[20] Illum, kwadri u/jew statwi tal-Qalb ta' Ġesù jinsabu meqjuma fil-parroċċi u l-knejjes kollha Għawdxin.

- **17 ta' Awwissu 1809:** il-Kappillan tan-Nadur, Dun Franġisk Sapiano (1736-1812) **f'kodiċill magħmul fl-atti tan-Nutar Giovanni Cassar,** għoġbu jħalli

**CENTENARIO DELL'APPARIZIONE DEL S. CUORE DI GESU'**

Si celebrerà nel dì 30 Giugno 1889 — nella Chiesa di S. Giacomo A.

ERETTA NELLA CITTA' VITTORIA DI GOZO—

*offerta di un soldo*

| NOME E COGNOME | offerta. | NOME E COGNOME | offerta. |
|---|---|---|---|
| 1 | | 31 | |
| 2 | | 32 | |
| 3 | | 33 | |
| 4 | | 34 | |
| 5 | | 35 | |
| 6 | | 36 | |
| 7 | | 37 | |
| 8 | | 38 | |
| 9 | | 39 | |
| 10 | | 40 | |
| 11 | | 41 | |
| 12 | | 42 | |
| 13 | | 43 | |
| 14 | | 44 | |
| 15 | | 45 | |
| 16 | | 46 | |
| 17 | | 47 | |
| 18 | | 48 | |
| 19 | | 49 | |
| 20 | | 50 | |
| 21 | | 51 | |
| 22 | | 52 | |
| 23 | | 53 | |
| 24 | | 54 | |
| 25 | | 55 | |
| 26 | | 56 | |
| 27 | | 57 | |
| 28 | | 58 | |
| 29 | | 59 | |
| 30 | | 60 | |

N. B. La presente Scheda riempita di firme colle rispettive offerte sarà spedita al "*Parito L. Cremona — Piazza Reale* — od al *Not: V. G. Giojoso — Str. Palma — Gozo Vittoria*" Membri del Consiglio dell'Apostolato della preghiera.

Premi pei Zelatori. Il Zelatore che avrà raccolte 60 firme colle rispettive offerte, che devono ascendere a scellini cinque, avrà diritto ad un'immagine del S. Cuore di Gesù in cromolitografia — Il zelatore che avrà raccolto il doppio avrà diritto al detto 1o. premio ed ad un grazioso libretto "I sette salmi le cui iniziali compongono il Nome del SS.Cuore di Gesù con parafrasi in italiano di pag: 90. Il zelatore che ne avrà raccolto il triplo avrà diritto ad un 3o, premio "La devozione al Cuore Agonizzante di Gesù.

I Contributori di un soldo avranno in premio una immaginetta del S. Cuore:

Nel dì 30 Giugno prima della Messa solenne saranno celebrate 3 Messe per tutti i contributori.

Le offerte devono esser spedite fino il 20 Maggio colle schedole che i Zelatori avranno cura di tenere ben pulite.

Indirizzo del Zelatore.

l-fondi biex ikun jista' jsir kwadru żgħir tal-Qalb ta' Ġesù u l-Qalb ta' Marija biex jitpoġġa fl-artal tar-Rużarju tal-Knisja Parrokkjali tan-Nadur.[21] Ta' min jgħid li l-qima lejn il-Qalb Immakulata mxiet pass pass mad-devozzjoni tal-Qalb ta' Ġesù.[22]

• **23 ta' Frar 1873:** il-Parroċċa taż-Żebbuġ ġiet aggregata fl-Apostolat tat-Talb. Id-Diploma ġġib il-firma ta' Patri Pietro di Giorgio, S.J., moderatur Ġenerali.[23]

• **16 ta' Ġunju 1875:** Il-Papa Piju IX ikkonsagra d-Dinja Nisranija lill-Qalb ta' Imqaddsa ta' Ġesù.[24]

• **11 ta' Lulju 1880:** Il-Patrijiet **Ġiżwiti responsabbli** mit-tmexxija tas-Seminarju ta' Għawdex akkwistaw statwa tal-Qalb ta' Ġesu minn Sqallija li f'qasir żmien addattawha f'niċċa dekorattiva fil-pjan tat-taraġ prinċipali fejn għadha sallum.[25]

• **24 ta' Ġunju 1881:** is-Seminarju ta' Għawdex kien ikkonsagrat lil Qalb ta' Ġesù minn Mons. Pietru Pace, Isqof Djoċesan, u minn dakinhar beda jkun magħruf bl-isem uffiċjali ta' *Seminarium Gaudisiense Sanctissimi Cordis Jesu.*[26]

• **12 ta' Mejju 1889:** Mons. Gio Maria Camilleri, l-Isqof il-ġdid ta' Għawdex għamel l-Ingress tiegħu fil-Katidral u waqt id-diskors inawgurali semma d-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù.

• **30 ta' Ġunju 1889:** Fil-Knisja ta' San Ġakbu Appostlu ta' Pjazza t-Tokk, ir-Rabat, il-*Consiglio Gozitzno dell'Apostolato della preghiera*, iċċelebra t-tieni




Ċentinarju tal-Qalb ta' Ġesù. Dan il-biċentinarju suppost li kien **iċċelebrat fis-17 ta' Ġunju, imma** ttardja bi ftit jiem, x'aktarx minħabba l-Ingress tal-Isqof il-ġdid ta' Għawdex, Mons. Gio Maria Camilleri. Din iċ-ċebebrazzjoni kienet tikkommemora l-mitejn sena minn meta Ġesù, fid-dehriet tiegħu lil Margerita Marija Alacoque urieha x-xewqa li l-familji nsara kollha jkunu kkonsagrati Lilu.[27]

Biex ikunu koperti l-ispejjeż tal-festa, il-Kunsill Għawdxi tal-Apostolat tat-Talb nieda arbular ta' sold mingħand kull persuna. Tħejjew formoli apposta u nħatru żelaturi biex jagħmlu l-ġbir. Mal-ħlas, il-kontributuri kienu jingħataw santa, waqt li ż-żelaturi, għal kull sittin kontribuzzjoni li jiġbru kienu jingħataw kromatografija (stampa tal-kulur) tal-Qalb ta' Ġesù. **Mat-tieni u t-tielet sittin kontribuzzjoni, iż-żelatur kien jingħata rigal ta'** ktejjeb differenti kull darba *(ara skeda faċċata).*

• **7 ta' Marzu 1891:** Fl-Ittra Pastorali għar-Randan ta' dik is-sena, l-Isqof Camilleri jirrakkomanda d-devozzjoni tant sabiħa tal-Qalb ta' Ġesù. Fiha nieda kampanja ħa jqanqal din id-devozzjoni fost il-kleru u l-poplu.[28]

• **1 ta' Ġunju 1891:** "Id-Devozzjoni tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù hija wisq imxerrda mal-gżira kollha, il-festa tiegħu issir kważi kullimkien. Is-sena sejjer isir għall-ewwel darba x-xahar tal-Qalb ta' Ġesù fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ; beda fl-ewwel ta' dan ix-xahar; qiegħda ssir fost devozzjonijiet oħra, prietka kuljum, b'konkors kbir ta' devoti".[29]

• **Marzu 1892: F'dan ix-xahar** bdiet fil-gżira tagħna soċjetà ta' saċerdoti imsejħa: *Sacra Lega di riparazione al trafitto Divin Cuore di Gesù,* li l-fini tagħha hu li jikkunslaw il-Qalb ta' Ġesù mill-offiżi li kontinwament tirċievi mill-bnedmin.[30]

• **9 ta' Diċembru 1892:** Wara ħidma ta' xi saċerdoti u lajċi fosthom Mons. Luigi Vella, Dun Alfons Hili u n-Nutar Vincenzo Giojoso, l-Isqof Gio Maria Camilleri ħareġ id-Digriet għat-twaqqif ta' *Fratellanza tal-Qalb ta' Ġesù* fil-Knisja ta' San Ġakbu ta' Pjazza t-Tokk.[31]

Din l-ewwel Fratellana taħt dan it-titlu fil-gżira tagħna **għamlet il-vestizzjoni nhar il-25 ta' Marzu 1893 fl-imsemmija knisja. Il-funzjoni tmexxiet mill-**Isqof Gio Maria Camilleri li wara li bierek l-abitu tal-Fratelli, ipproċieda bil-vestizzjoni. Il-Fratelli kienu tlieta u tletin, fosthom erbgħa kanoniċi u erbgħa qassisin. Fi tmiem iċ-ċerimonja l-Fratelli għamlu Att ta' Konsagrazzjoni lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, u kantaw *Te Deum.* Finalment l-Isqof ta l-Benedizzjoni Sagramentali.[32] Fl-4 ta' Mejju tal-istess sena, il-Fratellanzza ġiet aggregata ma' dik ta' *Santa Maria della Pace* ta' Ruma.[33]

• **29 ta' Jannar 1893:** sar it-tqegħid tal-ewwel ġebla ta' knisja ġdida fil-Fontana, illum dik parrokkjali.[34] **F'din l-okkażjoni l-Isqof Gio Maria Camilleri, stqarr** pubblikament ix-xewqa tiegħu li din il-knisja tiġi ddedikata lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.[35]

• **9 ta' Ġunju 1893:** Festa tal-Qalb ta' Ġesù - Dun Ġużepp Zammit DD., Kappillan tal-Isptar ta' Għawdex, bħala delegat ta' Mons. Refalo, Logutenent tal-Isqof, bierek, il-Kappella l-ġdida tal-imsemmi sptar;[36] illum magħruf bħala l-*Isptar il-Qadim* ta' Pjazza San Franġisk. Immedjatament, il-kappella ġiet iddedikata mill-ġdid lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù mill-Isqof Gio Maria Camilleri.[37]

Fi żmien il-Veskovat ta' Mons. Gonzi fid-Djoċesi ta' Għawdex, fl-Isptar inbniet kappella ġdida, li l-istess kienet iddedikata lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, bi kwadru sabiħ, **xogħol il-pittur Ġ. Tanti, f'**Awwissu 1937. Il-Kappella kienet ikkonsagrata mill-Isqof Ġużeppi Pace nhar it-23 ta' Novembru 1954.[38]

• **Tard fis-sena 1894** kienet introdotta f'Għawdex l-Assoċjazzjoni tal-Qalb ta' Ġesù b'suffraġju tal-Erwieħ tal-Purgatorju. Din l-Assoċjazzjoni twaqqfet f'Ruma minn Patri Vittore Jouet, Missjonarju tal-Qalb ta' Ġesù u approvata mill-Kardinal Vigarju fil-31 ta' Mejju 1893. Bħala żelatur ta' din l-Assoċjazzjoni f'Għawdex, l-imsemmi Patri Jouet għoġbu jagħżel lil Dun Alwiġ Vella, Direttur tad-*Devot ta' Maria*.[39] Din l-Assoċjazzjoni hija mogħniha b'Indulġenzi kbar mill-Papa Ljun XIII, bi brevi tas-7 ta' Lulju 1893.[40]

• **25 ta' Mejju 1899: ħareġ l-ewwel wieħed mid-dokumenti kbar tal-Knisja fuq il-Qalb ta' Ġesù jiġifieri l-Enċiklika** *Annui Sacrum* bl-att ta' konsagrazzjoni. F'din l-Enċiklika l-Papa Ljun XIII wera l-iskop u r-raġunijiet ta' din il-konsagrazzjoni. Fl-aħħar tal-En**ċiklika ordna sabiex mad-din**ja kollha ssir il-konsagrazzjoni tal-ġeneru uman lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.[41]

• **11 ta' Ġunju 1899:** Festa tal-Qalb Imqaddsa - Konsagrazzjoni tal-ġeneru uman lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Il-Papa Ljun XIII, quddiem id-dinja ta' żmienu li kienet dieħla f'xejra ta' apostasija lejn Kristu, bl-anjostiċiżmu antiklerikali tal-iżvilupp tax-xjenza moderna, bil-famuż Manifest ta' Karl Marx fuq l-awtosuffiċjenza ta' xogħol il-bniedem u b'ideoloġiji oħra li ħarbtu moħħ il-bniedem u li aktar tard żviluppaw fil-Komuniżmu, il-Faxxiżmu u n-Nażiżmu, il-Papa ħass il-ħtieġa li s-Sultan tal-Ħolqien, jingħatalu ġieħ u qima xierqa mid-dinja ta' tmiem is-seklu XIX.[42]

• **21 ta' Jannar 1900:** Mons. Gio Maria Camilleri, Isqof ta' Għawdex, ikkonċieda indulġenza ta' 40 jum lil kulmin jgħid Kredu quddiem statwa tal-Qalb ta' Ġesù esposta f'niċċa mad-dar numru 14, Triq il-Mitħna, in-Nadur.[43]

Jidher li din in-niċċa hija waħda mill-eqdem, jekk mhix l-eqdem, mill-44 niċċa tal-Qalb ta' Ġesù li kienu jinsabu Għawdex fl-2013. F'dawk li huma niċeċ, il-Qalb ta' Ġesù huwa r-raba' l-iktar suġġett popolari f'Għawdex. Qablu nsibu lil Marija Immakulata, **b'75 niċċa; San Ġużepp, b'**50; u l-Madonna ta' Lourdes, b'47 waħda.[44]

• **4 ta' Mejju 1902:** sar it-tqegħid u tberik tal-ewwel ġebla ta' knisja ġdida fin-Nadur, b'dedika lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.[45] Din il-knisja hija ġuspatronat lajkali tal-Familja Vella, aktar magħrufa bħala *ta' Karkanja*, minn Nadur.

• **18-20 ta' Ottubru 1903:** Fil-Katidral inżamm l-Ewwel Sinodu Djoċesan ta' Għawdex taħt il-Presidenza tal-Isqof Mons. Gio Maria Camilleri. Wieħed mid-Digrieti tas-sinodu kien jordna biex f'kull Knisja jkun hemm xbiha tal-Qalb ta' Ġesù.[46]

• **29 ta' Jannar 1905:** konsagrazzjoni tal-Knisja l-ġdida tat-Triq tal-Għajn, l-ewwel waħda f'Għawdex, iddedikata lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.[47]

• **12 ta' Ġunju 1905:** Il-Papa Piju X ikkonċieda Indulġenza ta' 300 jum kull darba li tingħad l-invokazzjoni: *Tkun imbierka l-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù fl-Ewkaristija.*

• **30 ta' Ġunju 1905:** Fil-Knisja il-ġdida tat-Triq tal-Għajn kienet iċċelebrata b'solennità l-festa titulari tal-Qalb ta' Ġesù. Fit-tali okkażjoni kien introdott f'Għawdex il-labtu l-ġdid tal-Qalb ta' Ġesù, u dakinhar, l-iskritturati kienu bosta.[48]

• **22 ta' Ġunju 1906:** San Piju X, b'Digriet, ordna li l-konsagrazzjoni tal-ġeneru uman lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù tiġġedded kull sena nhar il-festa tagħha.[49]

• **18 ta' Diċembru 1906:** Fil-Knisja tat-Triq tal-Għajn, l-Isqof Camilleri waqqaf il-Fratellanzi tal-Qalb ta' Ġesu u ta' Sant'Andrija.[50]

• **Mejju 1907:** Tasal Għawdex minn Ruma l-vara tal-Qalb ta' Ġesù - statwa titulari tal-Knisja tal-Fontana (saret parrokkjali fl-1911), u kienet esposta fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ Martri. Fis-26 ta' Mejju saritilha translazzjoni lejn il-Knisja tal-Fontana. Il-vara tbierket mill-Isqof Camilleri fis-7 ta' Ġunju tal-istess sena.

Billi l-vara kienet wisq tqila, kien deċiż li ssir oħra għand l-istatwarju Wistin Camilleri tar-Rabat, Għawdex. L-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù l-ġdida tbierket mill-istess Isqof Camilleri nhar it-8 ta' Ġunju 1923 u wara nħarġet f'purċissjoni għall-ewwel darba.[51]

• **30 ta' Lulju 1908:** Il-Papa Piju X ikkonċieda Indulġenza ta' 300 jum kull darba li tkun invokatata l-ġakolatorja: "Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, nemmen sħiħ li inti tħobbni".

• **29 ta' April 1909:** L-E.T. Mons. Gio Maria Camilleri O.E.S.A. jikkonsagra l-Knisja tas-Sultana tal-Qalb ta' Ġesù annessa mal-Monasteru [*Casa Madre*] tas-Sorijiet Franġiskani ta' Malta. Il-Knisja kienet imbierka fl-1885.[52]

• **22 ta' Mejju 1910:** L-Isqof Djoċesan, Mons. Gio Maria Camilleri jikkonsagra l-Knisja l-ġdida tal-Qalb ta' Ġesù fin-Nadur.[53]

• **13 ta' Mejju 1920:** Il-Papa Benedittu XV jikkanonizza bħala qaddisa lil Santa Margerita Marija Alacoque, l-appostlu tad-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù.

• **17 ta' Ottubru 1920:** L-ewwel festa liturġika ta' Santa Margerita Marija Alacoque.[54]

• **15 ta' Novembru 1925:** L-E.T. Mons. Mikiel Gonzi, Isqof ta' Għawdex, ikkonsagra d-Dipartimenti u l-ħaddiema tas-Sanità, tal-Posta, tax-Xogħlijiet tal-Ilma u tal-Elettriku lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù li fl-imsemmija okkażjoni ssejjaħ: *"Sultan tas-Soċjetà - tal-Gvernijiet - tal-Popli"* ***(ara santa fil-paġna li jmiss).***

• **11 ta' Diċembru 1925:** Enċiklika tal-Papa Piju XI, intitulata *Quas primas,* li biha waqqaf il-Festa ta' Kristu Re, fejn kien ordnat li l-konsagrazzjoni tal-ġeneru uman tiġġedded annwalment nhar din il-festa.[55]

• **27 ta' Marzu 1927:** Twaqqfet fl-Għasri l-Opra tal-Apostolat tat-Talb.[56]

• **1936:** Il-Kan. Dun Karm Caruana, tan-Nadur, eks-Viċendarju tal-Għasri, ippubblika l-ktieb: *L-Eċċessi tal-Ħniena tal-Qalb ta' Ġesù ma' kull xorta ta' midinbin.*

• **19 ta' Settembru 1937:** L-Isqof Mikiel Gonzi jinawgura l-Kappella tal-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat.[57] Fil-25 tal-istess xahar, l-istess kappella kienet ikkonsagrata lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù mill-imsemmi Isqof Gonzi.[58]

• **1938:** Il-Kan. Dun Karm Caruana ppubblika l-ktieb: *Il-Ħniena tal-Qalb ta' Ġesù.*

• **13 ta' Ġunju 1939:** L-Isqof Mikiel Gonzi jikkonsagra l-isptar fil-Fortizza ta' Chambray lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.[59]

• **1956:** Ittra Pastorali tar-Randan tal-Eċċ. Tiegħu Mons. Ġużeppi Pace, Isqof ta' Għawdex: *Il-Qalb l-iżjed Imqaddsa ta' Ġesù* ***f'għeluq l-ewwel mitt sena mit-twaqqif tal-Festa Tagħha (ara faksimile faċċata).***

• **9-10 ta' Ġunju 1956:** Fil-Knisja ġuspatronat tal-Qalb ta' Ġesù tan-Nadur saru festi speċjali fl-okkażjoni tal-ewwel ċentinarju minn meta l-festa tal-Qalb ta' Ġesù kienet estiża għall-Knisja Universali.[60]

• **1975:** Dun Ġwann Cini, Kappillan tal-Fontana, ippubblika l-ktejjeb: *Riflessjonijiet dwar il-Qalb ta'* **Ġesù** fl-okkażjoni tat-Tielet Ċentinarju mid-Dehriet ta' Kristu lil Santa Margerita Marija Alacoque [1675-1975] ***(ara faċċata).***

• **1986:** Mons. Nikol Ġużeppi Cauchi, Isqof ta' Għawdex, ippubblika l-ktieb: *Id-Devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù.*

• **2003:** Dun Bert Curmi (Fontana) jippubblika l-ktejjeb: *F'Ġunju mal-Qalb ta' Ġesù.*

• **2009:** Il-Kummissjoni *Tifkira Dun Ġużepp Cauchi* (ta' San Lawrenz) tippubblika l-ktejjeb: *Il-Weghdiet tal-Qalb ta' Ġesù* ta' Ġ. Cauchi u A. Xuereb.

**Konklużjoni**

Il-festa tal-Qalb ta' Ġesù, bħal dik ta' *Corpus*, tista' tissejjaħ **"il-festa tal-Imħabba ta' Kristu"**. Fostna, id-devozzjoni lejn il-Qalb Divina ħadet l-iktar il-għamla ta' Adorazzjoni tal-Ewkaristija, kif ukoll ta' Purċissjonijiet Ewkaristiċi, u fuq kollox ta' tqarbin ta' tpattija. Ma ninsewx però li Ġesù kien talab ukoll lil S. Margerita qima speċjali lejn ix-Xbieha tal-Qalb Imqaddsa, u jbierek b'barka speċjali dawk id-djar fejn isir dan.[61]

Il-Papa Pawlu VI bl-Ittra Appostolika tiegħu *"Investigabiles Divitias Christi"* tas-6 ta' Frar 1965, ġabar iċ-ċentru ta' din id-devozzjoni u filwaqt li taha libsa **ġdida li tgħodd għaż-żminijiet tagħna, bena l-Ittra tiegħu** fuq l-Imħabba ta' **Ġesù** għall-bnedmin. Huwa nsista fuq ir-rispett lejn Kristu fl-Ewkaristija li Hu "teżor infinit ta' mħabba; **ħuġġieġa taqbad ta' mħabba,** fejn **Ġesù jinsab biex jidħol għ**alina quddiem il-Missier". Il-Qdusija Tiegħu filwaqt li semma t-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II fuq Kristu, "Sultan u għaxqa tal-Qlub kollha, li huwa r-Ras tal-Knisja, il-bidu, l-ewwel fost il-ħajjin", wera l-bżonn li jkun hemm devozzjoni sinċiera lejn il-Qalb ta' Kristu. Kien huwa stess li poġġa l-kelmiet: "F'din id-devozzjoni, il-qdusija tal-bnedmin u l-glorifikazzjoni ta' Alla, li madwarha l-qofol tal-Knisja huwa miġbur, **hemm il-ħajja** eterna. Minkejja r-resistenza tas-sekularizzazzjoni tas-soċjetà, Kristu għadu jsaltan. Jinħass għatx kbir għall-imħabba, għall-għaqda, għad-dinjità ta' kull bniedem. Dan l-ispirtu qed jikber, jinxtered u jissaħħaħ.

Il-Qalb ta' Ġesù twarrbet minn uħud, imma Hu ma warrabx. Kliemu għadu ħaj: "Jiena t-Triq, is-Sewwa u l-Ħajja" u "Is-smewwiet u l-art jgħaddu imma kliemi ma jgħaddix".

.................................

**Riferenzi**


1: Il-Medju Eve jew iż-Żminijiet tan-Nofs, hija dik l-epoka, li fl-Istorja tal-Ewropa hija kkalkulata minn madwar 1000 wK sa madwar 1400 wK.

2: C. Grech, *Xi metodi għall-kura tal-Mard li kienu jew għadhom jintużaw fin-Nadur*, f'*Luminaria* Marzu 1995, p.14.

3: Il-Ġansenisti kienu dixxipli ta' Ġansenju, Isqof ta' Ypres (Fjandra, Belġju), li bħal Kalvinu, kienu jżommu li l-bniedem mhux ħieles; li ma jistax jobdi l-kmandamenti ta' Alla kollha; li kulma jagħmlu l-infidili, anki opri tajba, huma dnub; li Kristu miet biex isalva ftit fidili biss. Ikkumbattewhom żewġ Isqfijiet magħrufin Franċiżi, Bosuet u Fénelon (*A. Busuttil, Il-Ħajja tal-Qaddisin* Vol. I, Malta 1951, p. 254).

4: J. Inguanez, ***Ġrajjiet Malta fl-Imgħoddi***, p. 77.

5: *Direttorju Ekkleżjastiku 2013*, p. 335.

6: *Leħen is-Sewwa*, 23 Mej 1959, p. 4.

7: N. Vella Apap, *Il-Qima lejn il-Qalb ta' Ġesù fil-Knejjes ta' Għawdex*, f'*L-Għajn il-Kbira* III [1975], p. 9.

8: G. A. Vella, *Iż-Żebbuġ u l-Ġrajja Tiegħu*, Legion Press – Għawdex 1963, p. 75.

9: J. Inguanez, ***Ġrajjiet Malta fl-Imgħoddi***, p. 295.

10: J. Bezzina, *Religion and Politics in a Crown Colony - The Gozo Malta Story 1798-1864*, Malta 1985, p. 80.

11: A. Bonnici, *History of the Church in Malta*, Vol. III, p. 133; *Catholic Directory of Malta and Gozo 1964*, p. 283; N. Ġ. Cauchi, *L-Għaqdiet tal-Lajċi fl-Istorja tad-Djoċesi Għawdxija*, f'*Il-Ħajja f'Għawdex*, Aww-Set 1989, p. 21.

12: *Id-Devot ta' Maria*, Ġunju 1888, p. 104.

13: Paġella għal min jinkiteb fl-Apostolat tat-Talb, p. 7.

**Nota:** Fid-*Devot ta' Maria* ta' Ġunju 1888 jingħad li: "Id-devozzjoni tal-Apostolat tat-Talb bdiet fi Franza fl-1846, tnejn u erbgħin sena ilu". Fil-fatt kienet bdiet sentejn qabel: fl-1844. Infatti, il-festi ċinkwantinarji f'Għawdex, mit-twaqqif tal-Apostolat tat-Talb, saru f'San Ġakbu, ta' Pjazza t-Tokk, nhar it-3 ta' Ġunju 1894 (ara *Id-devot ta' Maria,* Lulju 1894, pp. 116-117).

14: *Il-Messaġġier Malti tal-Qalb ta' Ġesù,* it-58 Sena, Settembru 1969, nru. 683, p. 165.

15: *Id-Devot ta' Maria,* Ġunju 1888, p. 103.

16: L-istess, Marzu 1891, p. 63.

17: L-istess, Ġunju 1891, p. 103.

18: *Direttorju Ekkleżjastiku 2013,* p. 281.

**Nota:** Min jinteressah li jkun jaf aktar dwar l-Apostolat tat-Talb huwa mistieden jara: Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Ċirkulari 167/1980. Għal min isib diffikulta jakkwista kopja, il-kontenut tagħha huwa ppubblikat ukoll fl-Atti tal-Kurja Djoċesana ta' Għawdex [17/1980] , pp. 194-195.

19: N. Vella Apap, *Il-Qima lejn il-Qalb ta' Ġesù fil-Knejjes ta' Għawdex,* op. cit., p. 7.

20: J. Bezzina, *Fontana u Ġrajjietha,* Malta 1986, p. 33.

21: Arkivju Nutarili Għawdex, Atti Giovanni Cassar [17 Aww 1809] 906ʳ.

22: R. Bonnici Calġ, *Ix-Xbieha tal-Qalb ta' Ġesù,* f'*Kitbiet Imżewqa,* Malta 1987, p. 42.

23: G. A. Vella, *Iż-Żebbuġ u l-Ġrajja Tiegħu,* Legion Press – Għawdex 1963, p. 75.

24: J. N. D. Kelly, *The Oxford Dictionary of Popes,* Great Britain [Reprint] 1990, p. 310.

25: J. Bezzina, *The Sacred Heart Seminary - The Heart of Gozo,* Malta 2016, p. 139.

26: *Id-Devot ta' Maria,* Mejju 1889, p. 96; u Ġunju 1889, pp. 103-105.

27: J. Bezzina, *The Sacred Heart Seminary* [Gaulitana 11], Malta 1991, p. 29.

28: *Id-Devot ta' Maria,* Marzu 1891, p. 63.

29: l-istess, Ġunju 1891, p. 103).

30: l-istess, April 1892, p. 79.

31: J. Bezzina, *Fontana u Ġrajjietha,* op. cit, p. 34.

**Nota:** Min jinteressawh l-iStatuti ta' din il-Fratellanza huwa mistieden jara: NAG, ZM, 01/18: *Statuti della Veneranda Confraternità eretta in Gozo nella Veneranda Chiesa di San Giacomo, Martire e Apostolo, sotto il titolo del Sacro Cuore di Gesù.* Id-Dok. fih 82 paġna u mhux datat.

32: *Id-Devot ta' Maria,* April 1893, p. 75.

33: N. Vella Apap, *Il-Qima lejn il-Qalb ta' Ġesù fil-Knejjes ta'* Għawdex, op. cit., p. 8.

34: *Id-Devot ta' Maria,* Marzu 1893, p. 61; Ġunju 1893, p. 100.

35: M. J. Schiavone, *Il-Knejjes Parrokkjali ta' Għawdex u l-Festi Tagħhom,* Vol IV [Fontana - Żebbuġ] - J. Cutajar, *Fontana - il-Qalb ta' Ġesù,* p. 2.

36: *Id-Devot ta' Maria,* Lulju 1893, p. 116.

**Nota:** L-*Isptar il-Qadim* inbena bejn is-snin 1719 u l-1728 bi flus il-Kan. Dun Gio Maria Camilleri, li bejn l-1679 u l-1712 serva bħala l-ewwel Kappillan tal-Għarb. Saru żewġ artali fis-swali, il-wieħed bil-kwadru ta' San Ġwann Battista, Sant'Antnin ta' Padova u bil-Kunċizzjoni f'nofshom, u l-ieħor bil-Qaddisin Tobba, San Kożma u San Damjan Martri.

L-isptar dam aktar minn seklu mingħajr kappella sagramentali, u l-Vjatku kienu jġibuh mill-Parroċċa ta' San Ġorġ, imbagħad b'talba tal-Kummissarju protestant John David, l-Isqof Mons. Franġisku Saverju Caruana (1831-1847) ikkonċieda li ssir kappella sagramentali, li għaliha rregala kwadru sabiħ tal-Madonna bil-Bambin u San Ġwann Battista tfajjel. Fl-4 ta' Lulju 1839 din il-kappella tbierket mil-Provigarju Dun M'Anġlu Cassar, qaddes fiha u ħalla s-Sagrament. Dik il-ħabta bħala Kappillan tal-Isptar kien hemm Dun Salv Farrugia. Il-bieb ta' din il-kappella kien jagħti għal ġewwa s-swali tal-isptar u l-artal kien iħares lejn it-Tramuntana. Is-sorijiet tal-Karità talbu li jsir bieb ieħor minn band'oħra; il-kappella ġiet maħtuta, kabbruha u għamlulha l-artal iħares lejn il-Lvant faċċata tal-bieb il-ġdid li żiedu u ħallew l-ieħor li jagħti għas-swali tal-isptar. Bħalma ġa rajna fuq, il-kappella l-ġdida tbierket nhar id-9 ta' Ġunju 1893.

Ta' min jgħid li l-Isptar kien iddedikat lil San Ġwann il-Battista u Sant'Antnin imma fl-1887, qasir żmien wara li r-Rabat ingħata t-titlu ta' Belt, l-isptar issemma *Victoria Hospital* (M. Saliba, *The Practice of Medicine in Gozo 200 years ago,* p. 4).

37: J. Borg, *Hospital Services in Gozo at the time of the Knights,* **f'***St. Luke's Hospital Gazette,* IX/2 [Malta 1974] p. 174,

38: N. Vella Apap, *Il-Qima lejn il-Qalb ta' Ġesù fil-Knejjes ta'* Għawdex, op. cit., p. 9.

39: *Id-Devot ta' Maria,* Ottubru 1894, pp. 163-165.

40: l-istess, Novembru 1894, pp. 182-183.

41: Anonimu, *60 Sena ilu - il-Konsagrazzjoni tal-Ġeneru Uman lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù,* **f'***Leħen is-Sewwa,* 23 Mej 1959, p. 4; A. Vella S.J., *Id-Devozzjoni tal-Qalb ta' Ġesù,* **f'***Il-Hajja f'Għawdex,* Ġunju-Lulju 1989, pp. 8-9.

42: J. M. Galdes, *100 Sena ilu - Id-Dinja kkonsagrata lill-Qalb ta' Ġesù,* **f'***Lill-Hbiebna,* Ġunju 1999, p. 137; *Il-Berqa,* **2 ta' Ġunju 1959, p. 2.**

43: S. Borg u A. Bonnici, *Niċec f'Għawdex,* Malta 1987, p. 33.

44: N. Ciantar, ***Ġabra ta' Statwi u Niċeċ Reliġjużi fit-Toroq ta' Malta u Għawdex,*** Malta 2013, pp. 81-191.

45: D. Camilleri, *Il-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù - Nadur,* Malta 2001, p. 46.

46: J. Bezzina, *Is-Sinodi Djoċesani f'Malta u Għawdex,* Malta 1979, p. 85.

47: *Id-Devot ta' Maria,* Jannar 1905, p. 31

48: L-istess, Lulju 1905, pp. 126-127.

49: Anonimu, *60 Sena ilu - il-Konsagrazzjoni tal-Ġeneru Uman,* eċċ., f'*Leħen is-Sewwa,* 23 Mej 1959, op. cit., p. 4.

50: N. Vella Apap, *Il-Qima lejn il-Qalb ta' Ġesù fil-Knejjes ta'* Għawdex, op. cit., pp. 9-10.

51: J. Bezzina, *Fontana u Ġrajjietha,* op. cit, p. 51.

52: *Almanakk 1938 maħruġ mid-Dar ta' San Ġużepp, Għawdex,* Supp. p. VIII.

53: D. Camilleri, *Il-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù - Nadur,* op. cit, p. 68.

54: *Il-Messaġġier Malti tal-Qalb ta' Ġesù,* Id-IX sena, nru. 10 [Ottubru 1920] p. 217.

55: *Leħen is-Sewwa,* 23 Mej 1959, p. 4.

56: *Messaġġier tal-Qalb ta' Ġesù,* Mejju 1927, is-XVI-il Sena, nru 182, p. 118.

57: *Almanakk 1938 maħruġ mid-Dar ta' San Ġużepp,* Supp. p. XX; *Għawdex,* 01 Jan 1950, p. 4.

58: *Leħen is-Sewwa,* **6 ta' Novembru 1948, p. 6.**

59: N. Vella Apap, *Il-Qima lejn il-Qalb ta' Ġesù fil-Knejjes ta'* Għawdex, op. cit., p. 11.

60: D. Camilleri, *Il-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù,* op. cit., p. 137.

61: J. Grech Cremona, *Il-Qima Liturġika lejn il-Qalb ta' Ġesù,* **f'***Il-Habbar ta' Sant'Antnin ta' Padova,* **Ġunju 1956, pp. 92-93.**

